MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 754/1998/1

**Marco, Alexander, Mario u Piero sive Peter ahwa Pisani, bhala azzjonisti tas-socjeta' Dreamland Construction Company Limited**

**vs.**

**Dreamland Construction Company Limited, Anthony Pisani (Snr), Anthony Pisani (Jnr), Aldo Pisani, Anna Cassar, Marisa Spiteri, Gloria Attweger u l-Avukat Anthony Cremona u l-P.L. Edgar Montanaro li b'digriet tat-13 ta' Mejju 1998 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Carmel Pisani**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Marco, Alexander, Mario u Piero sive Peter ahwa Pisani fejn ippremettew:-

1. Illi l-esponenti, Marco, Alexander, Mario, u Piero sive Peter ahwa Pisani huma lkoll azzjonisti tal-kumpanija Dreamland Construction Company Limited, kumpanija registrata bin-numru C 1339, bl-ufficcju registrat St. Lawrence Street, Birkirkara;

2. Illi r-rikorrenti, hlief Alexander Pisani, kienu diretturi tas-socjeta' flimkien ma' missierhom Anthony Pisani u huhom Carmel Pisani;

3. Illi Giovanna Pisani mietet xi snin ilu u wirtuha uliedha;

4. Illi ghal zmien twil issa, hemm glied bejn l-azzjonisti tas-socjeta', u dana billi bhala azzjonisti ma hemmx qbil fuq l-amministrazzjoni u gestjoni tal-kumpanija u dana wassal biex ix-xoghol tal-kumpanija kien beda jistaghgna;

5. Illi ghal zmien twil issa ilha ma ssir laqgha ta' l-azzjonisti u dana bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza X 1962 u tal-Companies Act 1995, billi dawn l-istess azzjonisti ma jistghux joqoghdu fl-istess kamra minghajr glied u minghajr ma jigu fl-idejn;

6. Illi f'diversi okkazjonijiet l-azzjonisti gew fl-idejn, u sahansitra kien hemm proceduri kriminali kontra diversi azzjonisti talli uzaw il-vjolenza ma' xulxin;

7. Illi ghal zmien konsiderevoli kien hemm u ghad hemm sparpaljar tal-fondi u beni tal-kumpanija minn Anthony Pisani, li huwa azzjonista magoritarju u chairman, u li jigi missier ir-rikorrenti;

8. Illi in oltre l-esponenti huma garanti solidali favur il-bank mas-socjeta' ghad-debitu li ghandha, meta huma la ghadhom diretturi, ghax tkeccew u lanqas ma jafu x'qed isir mill-patrimonju tas-socjeta' billi ma ghandhom ebda kontroll ta' xejn, la bhala diretturi u lanqas bhala azzjonisti;

9. Illi hemm nuqqas ta' qbil bejn l-azzjonisti, li huma ahwa, fuq il-patrimonju li ddevolva fuq il-partijiet b'rizultat tal-mewt ta' ommhom Giovanna Pisani, li kienet azzjonista, u li halliet is-sehem taghha, lit-tfal;

10. Illi jidher car illi kwalsiasi affectio societatis li huwa l-pern ta' kull socjeta' kummercjali spicca bejn l-azzjonisti u s-socjeta' ma tistax tibqa' miexja 'l quddiem f'atmosfera fejn flok jirrenja l-armonija u s-sliem hemm biss ghajjat, theddid u glied;

11. Illi ghalhekk ai termini ta' l-artiklu 214(2)(b)(iii) ta' l-Att XXV ta' l-1995 jidher car li l-Qorti ghandha tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;

12. Illi ai termini ta' l-Artiklu 214(3) ta' l-istess ligi l-esponenti jissottomettu illi l-Qorti ghandha l-poter li tuza d-diskrezzjoni taghha biex tiddeciedi jekk il-kumpanija ghandhiex tkun stralcjata mill-Qorti jew volontarjament;

13. Illi in vista ta' l-atmosfera xejn konciljabbli li jezisti bejn il-kontendenti principali ma jidhirx li hemm il-possibilita' li l-kumpanija tista' tigi stralcjata volontarjament u ghalhekk il-Qorti - ai termini ta' l-artiklu 219 ta' l-istess Att - ghandha tilqa' dan ir-rikors u taghti l-ordni ta' l-istralc tas-socjeta' u ghandha taghti dawk l-ordnijiet interim xierqa u opportuni sabiex jithallas kull passiv tas-socjeta' u l-attiv jigi distribwit bejn l-azzjonisti fil-proporzjon li huma registrati bhala azzjonisti tas-socjeta' u li jigi mahtur ricevitur ufficjali ai disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 225 ta' l-Att fuq riferit;

14. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tordna li hemm ragunijiet bizzejjed gravi li jillimitaw li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u li konsegwentement din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tas-socjeta' Dreamland Construction Company Limited u dan isir taht dawk il-provedimenti kollha xierqa u opportuni li din il-Qorti joghgobha tordna fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Rat ir-risposta tal-intimati Dreamland Construction Company Limited, Anthony Pisani Senior u Anna Cassar fejn gie sottomess :-

1. Illi in linea preliminari, it-talba tar-rikorrenti mhijiex sostenibbli u dana a bazi ta' l-artiklu 218(1) ta' l-Att numru XXV ta' l-1995 stante illi r-rikorrenti ma jaqghu fl-ebda wahda mill-kategoriji kkuntemplati mil-ligi u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrenti hja insostenibbli stante li c-cirkostanzi huma tali li ma jiggustifikawx ix-xoljiment u konsegwenzjali stralc tas-socjeta' in kwestjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Aldo Pisani fejn gie sottomess illi t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli stante li c-cirkostanzi huma tali li ma jiggustifikawx ix-xoljiment u konsegwenzjali stralc tas-socjeta' in kwistjoni;

Rat ir-risposta ta' intimati kuraturi deputati Dr. Anthony Cremona u P.L. Edgar Montanaro li b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1998 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Carmel Pisani fejn gie sottomess illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghaldaqstant jirriservaw id-dritt li jipprezentaw onerazzjonijiet responsivi u sottomissjonijiet ohrajn fi stadju ulterjuri;

Rat ir-risposta ta' l-intimata Gloria Attweger fejn gie sottomess illi stante li mhix edotta mill-fatti dwar it-tmexxija tas-socjeta' in kwestjoni u l-posizzjoni finanzjarja, f'dan l-istadju tirrimetti ruhha, ghall-gudizzju ta' l-Onorabbli Qorti;

Rat l-affidavits tar-rikorrenti;

Semghet lix-xhud prodott mir-rikorrenti u lill-intimat Aldo Pisani;

Rat l-atti l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2004;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Marco, Alexander, Mario u Peter ahwa Pisani bhala azzjonisti tas-socjeta Dreamland Construction Company Limited qed jitolbu li jigi ordnat ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tal-imsemmija socjeta in vista ta' ragunijiet bizzejjed gravi u validi u dana taht dawk il-provedimenti kollha xierqa u opportuni skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

L-istess rikorrenti jallegaw li hemm glied bejn l-azzjonisti u dan in-nuqqas ta qbil jirreferi ghall-amministrazzjoni u gestjoni tal-kumpanija tant li x-xoghol tal-kumpanija beda jistaghgna Ghalhekk ukoll ilu zmien twil ma ssir laqgha ta' l-azzjonisti. Huma jallegaw ukoll li ghal zmien twil kien hemm u ghad hemm sparpaljar tal-fondi u beni tal-kumpanija partikolarment mill-azzjonista magoritarju u chairman tas-socjeta. Ghalhekk kwalsiasi affectio societatis, li seta kien hemm u li hu l-pern ta' kull socjeta' kummercjali, spicca u s-socjeta' ma tistax timxi 'l quddiem. Ir-rikorrenti invokaw a favur taghhom il-provedimenti ta' l-artiklu 214(2)(b)(iii) ta' l-Att XXV ta' l-1995 u dawk ta' l-artiklu 214(3) ta' l-istess Att. Ir-rikorrenti ukoll jghamlu referenza ghall-artikolu 219 u 225 ta' l-istess Att u qed jitolbu, fost affarijiet ohra, li jigi mahtur ricevitur ufficjali tas-socjeta;

L-intimati Dreamland Construction Company Limited, Anthony Pisani Senior u Anna Cassar irrispondew, preliminarjament li t-talba tar-rikorrenti mhijiex sostenibbli u dana a tenur tal-artiklu 218(1) ta' l-imsemmi Att ta' l-1995 stante illi r-rikorrenti ma jaqghu fl-ebda wahda mill-kategoriji kkuntemplati mil-ligi. L-imsemmija intimati eccepiew ukoll li c-cirkostanzi huma tali li ma jiggustifikawx ix-xoljiment u konsegwenzjali stralc tas-socjeta' in kwestjoni. Din tal-ahhar hi l-istess sottomissjoni li ghamel l-intimat Aldo Pisani. L-intimata Gloria Attweger irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

L-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-intimati Dreamland Construction Company Limited, Anthony Pisani Senior u Anna Cassar ma tista qatt tigi akkolta. L-artikolu invokat mill-imsemmija intimti specifikament jipprovdi li azzjonista jista jitlob l-istralc tas-socjeta jekk it-talba issir a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 214(2)(a) u 214(2)(b). It-talba odjerna appuntu hi bbazata fuq dawn l-imsemmija artikoli;

Mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati u hemm ragunijiet gravi li jistgu jiggustifikaw l-eventwali xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta in kwestjoni u ghalhekk huma applikabbli l-provedimentiu tal-artikolu 214(2)(b)(iii) ta' l-Att XXV ta' l-1995;

Peress li ma jidhirx li hemm il-possibilita' li l-kumpanija tigi stralcjata volontarjament, l-istess socjeta ghandha tkun stralcjata mill-Qorti ai termini ta' l-artikolu 214(3) ta' l-istess Att. Bl-applikazzjoni tal-artiklu 219 ta' l-istess Att ghandhom jinghataw ordnijiet “interim” li ghandhom jwasslu eventwalment ghall-ordni ta’ stralc definittiv. Ghalhekk ghandu jigi mahtur amministratur provvizorju, skond il-provedimenti rilevanti tal-imsemmi Att, bil-fakoltajiet kollha soliti u li ghandu jghamel l-ewwel rapport preliminari tieghu lill-din il-Qorti fl-atti ta' dan ir-rikors fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' dan il-provediment. F'dan l-ewwel rapport tieghu l-amministratur provizorju ghandu jindika, fost affarijiet ohra, l-attiv, il-passiv u l-assi tas-socjeta. In-nomina tal-amministratur provizorju ser ssir a spejjez provizorji tar-rikorrenti in solidum bejnithom;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur billi tiddikjara li hemm ragunijiet gravi li jistgu jiggustifikaw l-eventwali xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta Dreamland Construction Company Limited, li ghandha tkun stralcjata mill-Qorti, li ser tghaddi biex tghamel is-segwenti ordnijiet “interim” u cioe tinnomina bhala amministratur provvizorju lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bil-fakoltajiet kollha soliti u li ghandu jghamel l-ewwel rapport preliminari tieghu lill-din il-Qorti fl-atti ta' dan ir-rikors fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' dan il-

provediment. F'dan l-ewwel rapport tieghu l-amministratur provisorju ghandu jindika, fost affarijiet ohra, l-attiv, il-passiv u l-assi tas-socjeta in kwestjoni.

L-ispejjez tar-rikors riservati ghal meta jinghata provediment definittiv;

Ir-rikors qed jigi differit sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali jew ta’ xi wahda mill-partijiet jew tal-amministratur provizorju;

Tordna n-notifika ta' dan il-provediment lir-Registratur tas-Socjetajiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------